# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2022

**Nru fuq il-Lista: 12**

**Rik. Nru. 280/2022 ISB**

**Jomic Calleja Maatouk (K.I. Nru. 565185M)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**SENTENZA PARZJALI FIR-RIGWARD TAS-SEBA' TALBA MRESSQA FIR-RIKORS PROMOTUR**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** promotur pprezentat fit-30 ta' Mejju 2022, u ghall-finijiet ta' din is-sentenza *in parte*, qed issir referenza għas-seba' talba hemmek magħmula minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti qed jitlob illi din il-Qorti *tordna illi l-proċeduri kriminali fl-ismijiet is-**Supretendent George Cremona u l-Ispettur Omar Zammit vs Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M)** jieqfu sakemm tiġi deċiża dina l-kawza sabiex l-esponent ma jkomplix jiġi preġudikat kif premess, b'dan illi jista' jkun hemm*

*materjal li ma tqiesx bħala rilevanti mill-Prosekuzzjoni u ma inġabx favur l-esponent, b'mod illi l-esponent mhux f'posizzjoni li jagħmel id-difiża tiegħu b'mod sħiħ.*

Rat **ir-Risposta** tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat ppreżentata fit-22 ta' Ġunju 2022, u għall-finijiet ta' din it-talba ssir referenza speċifika għal paragrafu 3 tal-istess risposta minn fejn jirriżulta illi l-intimati jgħidu:

> *Illi qabel ma jiġi indirizzat l-ilment fil-mertu, għandha tiġi indirizzata s-seba' (7) talba tar-rikorrent peress li permezz tagħha, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta'* ***miżura provviżorja****. L-esponenti qegħdin jopponu għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju u qegħdin jagħmlu s-segwenti kunsiderazzjonijiet.*
>
> *Illi fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrent li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) ħsara rrimedjabbli f'kaz li ma tinħariġx il-miżura provviżorja. Illi dawn iż-żewġ rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Illi fir-rikors in risposta, ir-rikorrent imkien ma jfisser x'inhu d-dritt prima facie tiegħu. L-esponenti jirrilevaw li l-miżura provvizorja qiegħdha tintalab f'kuntest ta' kawża kostituzzjonali li r-rikorrent istitwixxa fejn qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni madanakollu fil-prattika mhux qiegħed jagħti raġunijiet kif it-tkomplija tal-proċeduri kriminali b'xi mod ser jilledulu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Ċertament li l-intavolar ta' talba għal miżura provvizorja ma għandhiex tintuża sabiex persuna tittanta xortiha sabiex jeħles mis-smigħ ta' kawża kriminali. Tali talba hija eċċezzjonali u tintuża biss jekk hemm kwistjonijiet li jinvolvu allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt tal-ħajja kif protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, jew ta' tortura kif protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Ċertament li f'dan il-kuntest ma jirriżulta xejn minn dan u li t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża kriminali in konfront tar-rikorrent ċertament mhux ser jissarfu fi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Lanqas ma wera l-ħsara rrimedjabbli li tiġġustifika l-ħruġ ta' miżura provvizorja.*
>
> *Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji provviżorji għandhom jingħataw* ***biss*** *f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi* ***Karen Reid*** *fil-ktieb tagħha,* ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** *tgħid:*

> *"As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."*

*Dan il-prinċipju huwa mħaddan sew fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk per eżempju fil-provvediment mogħti fl-ismijiet* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali****,[1] il-Qorti Kostituzzjonali osservat:*

> *"li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali****, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** *(4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et****, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)****, deċiża 25 ta' Settembru 2014]"*

*Huwa paċifiku li sabiex jingħata rimedju provviżorju, irid jintwera li hemm riskju* ***imminenti u reali*** *fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia* ***Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et*** *maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016,* ***Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru 2013 u* ***Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014).*

*Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,[2] talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija[3] u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.[4]*

---

[1] *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fid-9 ta' Jannar, 2017.

[2] Ara *Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju, 2013 u *Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-27 ta' Frar, 2017.

[3] Ara *Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fit-13 ta' April, 2018.

[4] Ara *Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April, 2014, *Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju, 2016, u *Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017.

> ***Il-każ odjern assolutament mhuwiex wieħed ta' urġenza estrema.*** *Ir-rikorrent qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali u qiegħed iressaq id-difiża tiegħu. Ċertament ma hemm ebda riskju ta' ħsara rreparabbli għall-persuna tiegħu bil-fatt li l-proċeduri penali istitwiti kontrih jitkomplew.*
> ***Konsegwentement, din it-talba għandha tiġi miċħuda.***

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent intavolata fis-7 ta' Lulju 2022 (fol 15).

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw is-seba' talba mressqa mir-rikorrenti u fejn bi qbil mad-difensuri, fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2022, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-ghoti ta' din id-decizjoni in parte.

**Ikkunsidrat**

Illi jirriżulta illi permezz tal-proċeduri odjerni u senjatament bis-seba' talba magħmula fir-rikors promotur hawnekk trattata, ir-rikorrent qed jitlob lil dina l-Qorti sabiex tordna lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif preseduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech sabiex tieqaf milli tkompli tisma' u tiddeċieda l-kawża fl-ismijiet *Is-Supretendent George Cremona u l-Ispettur Omar Zammit vs Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M)*.

Illi huwa pacifiku jingħad illi t-talba odjerna hija waħda sabiex din l-Qorti, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, toħroġ ordni ta' natura temporanja/*interim measure*.

Ir-rikorrent jsejjes il-proċeduri minnu mressqa imma ukoll s-seba' talba speċifika tiegħu a bażi ta' **L-Artiklu 6(1)** tal-Konvenzjoni Ewropeja li jgħid hekk:

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

U **L-Artiklu 39(2)** tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> *Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun*

*indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment**

Illi l-fatti li jidher li taw lok għal dawn il-proċeduri jidher, sempliċiment minn qari tar-rikors promotur, illi kienu avveniment li ġraw fil-kors ta' kawża pendenti illi r-rikorrent għandu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif preseduti mil Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech.

Illi dawn l-avvenimenti jikkonċernaw oggezzjoni tar-rikorrent għal potenzjalment nuqqas ta' *disclosure* tal-materjal kollu tal-każ a konoxxenza tal-Prosekuzzjoni u dan stante illi d-determinazzjoni ta' dak li jitqies li huwa *intelligence* jew le u dak li jista' jiġi konsegwentament *disclosed* bħala evidenza, tali determinazzjoni qed issir mill-istess entitá u/jew awtoritá li hija parti fil-kawża u li qed tipprova tressaq provi sabiex l-akkużat jinstab ħati u għalhekk għandha *vested interest* u konsegwentament biża ta' kunflitt ta' interess li jista' jwassal mhux biss li ma sseħħx ġustizzja mal-akkużat iżda li lanqas tkun qed tidher li qed isseħħ.

Jidher illi f'seduta tal-14 ta' Frar 2022, l-esponent kien għamel kontro-eżami ta' wieħed mill-uffiċjali prosekuturi f'dan il-każ, precizament is-Supretendent George Cremona, u meta ġie mistoqsi dwar kif inġiebet ċerta informazzjoni minn fuq id-*Dark Web*, wara oġġezzjoni mill-istess Supretendent, il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat illi dik hija *intelligence* u allura s-Supretendent ma setax jixhed dwarha.

Ir-rikorrent isostni li l-artiklu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix mekkaniżmi independenti sabiex ikun mistħarreġ dak li jista' u ma jistax jiġi *disclosed* speċjalment f'każijiet fejn hemm dak li jitqies li jkun *intelligence o meno.*

Illi dawn l-allegati fatti kif esposti jirrizultaw biss mir-rikors promotur, li wieħed ifakkar, illi lanqas ma huwa kkonfermat bil-gurament.

Senjalati dawn il-fatti, il-Qorti, issa tagħmel referenza għall-prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**'[5], fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem:

*"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata*

[5] deċiża fit 2 ta' Ġunju 2014

*dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B.* ***6.2.2003*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110] .*

*F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113].*

*Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE* ***16.4.2014*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.****] ;*

*"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

*"Fil-ktieb* ***"A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"*** *(4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi: :-*

> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"*[6]*.*

[6] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak

Kif inghad fid-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta[7] u b'referenza ghal "*Factsheet*" tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivi hekk:

> *Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm …*
>
> *In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Rosette Thake et vs Prim Ministru et**[8]:

> *…….. biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*
>
> *Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg* ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

**Konsiderazzjonijiet Ulterjuri**

Illi fil-każ odjern u fir-rigward tat-talba fir-rikors promotur hawn trattata, l-elementi ta' urġenza u ħsara irreparabbli fuq imsemmija ma ġewx debitament ippruvati.

[7] 12/2021/1AF **Castillo Lourdes vs Avukat tal-Istat** 26.01.2021
[8] Rikors 50/16/1JRM

Il-Qrati tagħna, ai fini ta' ordnijiet bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, generalment segwew it-tagħlim tal-Qorti Ewropeja[9] kif fuq ikkunsidrat, anke jekk din il-Qorti tosserva illi kull kaz ghandu l-fatti speci tieghu u rigidita' zejda m'ghandiex tkun. Din il-qorti tqis illi kull kaz irid jigi meqjus skond il-fatti li jiccirkondawh. Fil-fatt, l-istess FactSheet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" fuq msemmija tghid:

> *The Court's practice is to examine each request on an individual and priority basis through a written procedure. ……. The length of the interim measure is generally set to cover the duration of the proceedings before the Court or for a shorter period.*

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, talba bħal din tintalab minħabba possibilita' ta' tkeċċija minn pajjiż jew estradizzjoni. Ġie ukoll ribadit, li l-Qorti takkorda dan ir-rimedju fuq bażi eċċezzjonali b'mod, li jekk din it-talba ma tintlaqax, il-persuna tkun ser tiġi rinfaċċjata b'riskju serju ta' perikolu b'konsegwenza ta' dannu irreversibbli.

Il-Qorti kellha opportunita' li anke tisma' lid-difensuri tal-partijiet. Ai fini biss tal-istanza odjerna ma jirriżultax lil din il-Qorti li jezistu l-estremi ġuridiċi li jiddetta t-tagħlim tal-Qrati kif fuq imsemmi sabiex talba bħal din tkun milqugħa. Irid jiġi ipprovat l-element tal-perikolu kif fuq spjegat – u dan huwa nieqes.

Ulterjorment, kif inghad fil-kaz **Micallef vs Malta[10]**:

> *Preliminary proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injunction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Art. 6. Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Art. 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant.*
> *Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Art. 6 will not apply, when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise, because the measure requested was drastic; disposed of the main action to a consdierable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time.*

## DECIDE

**GHALDASTANT**, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tas-seba' talba mressqa fir-rikors promotur, u wara l-

[9] 318/20/1TA **Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deciza 29.12.2020

[10] (ECrtHR) 15/10/2009 (17056/06) (para 75) – kkwotat kif rapportat fil-ktieb "A commentary on the Constitution of Malta, 2016)

konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex **tiċħad** is-seba' talba tar-rikorrent kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għad-deċiżjoni finali.

**Ian Spiteri Bailey**
Imħallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Reġistratur